**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Il-Gimgha, 8 ta' Gunju 2001**
**Appell Krim. Numru: 39/01 NA (G)**

**Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech)**

**vs**

**Gregory Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat talli nhar it-12 ta' Ottubru 2000 ghall-habta tal-5.00 p.m. fil-fond Numru 85, Triq San Anton, Xaghra, Ghawdex, ezercita s-sengha ta' mastrudaxxa minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u aktar talli hadem sengha u li biha dejjaq lil Victoria Scerri mix-Xaghra.

Fis-seduta tas-7 ta' Frar 2001 quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni tellghet bhala xhieda lil Victoria u Antonia Scerri. Ix-xhud PC293, xhud iehor tal-Prosekuzzjoni, ma deherx. Gie verbalizzat "*Il-Prosekuzzjoni talbet differiment peress illi PC 293 jinsab bis-sick leave peress illi kiser siequ.*" Id-Difiza opponiet, il-Qorti cahdet it-talba u ghaddiet dak in-nhar stess ghal-prolazzjoni tas-sentenza, liema sentenza tghid hekk:

> "Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar it-12 ta' Ottubru 2000 ghall-habta tal-5.00 p.m. fil-fond Numru 85, Triq San Anton, Xaghra, Ghawdex, ezercita s-sengha ta' mastrudaxxa minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u aktar talli hadem sengha u li biha dejjaq lil Victoria Scerri mix-Xaghra.
>
> Semghet il-provi;
>
> Issib lill-imputat hati;
>
> Rat l-Artikoli 181 u 319 tal-Kapitolu 10;
>
> Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erbghin lira Maltija (Lm40)."

L-imputat talab is-sospensjoni tas-sentenza u b'rikors tas-16 ta' Frar 2001 appella mill-istess.

L-ewwel aggravju ta' l-appell tieghu gie cedut fis-seduta tas-6 ta' April 2001 quddiem din il-Qorti u, ghalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidrah ulterjorment. Fit-tieni aggravju jsostni illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx la li

ezercita s-sengha ta' mastrudaxxa minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u lanqas illi fid-data ndikata, data specifika, hadem sengha li biha dejjaq lil Victoria Scerri.

B'rikors tat-23 ta' Frar, 2001 l-appellant talab li jigi ammess bhala xhud fl-istadju ta' l-appell l-Ispettur Antonello Grech. Minkejja illi l-Qorti kienet ipprovdiet dwar din it-talba din ukoll giet irrinunzjata fis-seduta tas-6 ta' April 2001.

F'din is-seduta xehdu quddiem din il-Qorti Victoria u Antonia Scerri, l-appell gie ttrattat u differiet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti ssib l-aggravju ta' l-appellant gustifikat. Fl-ewwel lok huwa minnu illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova dwar il-kwistjoni ta' jekk l-appellant kellux jew le licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizjia biex jahdem bhala mastrudaxxa. Il-Qorti tosserva li din il-prova setghet facilment ingabet minn haddiehor u ma kenitx dipendenti mix-xhieda ta' PC293 li, il-Qorti tifhem, kien l-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz wara li sarulu r-rapporti in kwistjoni dwar il-hsejjes li kien allegatament qed jaghmel l-appellant bil-makkinarju tieghu.

Proprjament din il-Qorti jidhrilha illi setghet tieqaf anke hawn. L-Ewwel Qorti dehrilha li kellha ssib lill-imputat hati taht l-Artikolu 181 (1) u mhux 130 (1) tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan setghet liberament taghmlu fid-diskrezzjoni taghha w il-fatt li ma sabitx lill-imputat hati wkoll (jew forsi ahjar minflok) taht l-Artikolu 130 ma ghandux iwassal ghan-nullita' tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u, ghalhekk, din il-Qorti, li f'kazijiet ohra ma ezitatx li tuza l-poteri taghha taht l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali fejn il-kaz hekk kien jirrikjedi, ma jidhriliex illi f'dan il-kaz ghandha tuza dan il-poter u *ex officio* tannulla s-sentenza appellata.

Biex pero' jinghata l-kwadru komplet jiswa li jigi ddikjarat illi mix-xhieda mressqa quddiem din il-Qorti filwaqt illi din ix-xhieda tindika b'mod car li saret l-allegata kontravvenzjoni f'data specifika f'Awissu tas-sena 2000, din ix-xhieda hija ferm nebolusa fir-rigward tat-tieni allegat rapport u l-Qorti thoss illi anke li kieku inghatat ix-xhieda ta' P.C.293 din kienet tkun, almenu in parti, konfliggenti max-xhieda moghtija minn Victoria u Antonia Scerri, liema konflitt fil-kamp penali jrid imur favur l-akkuzat. Fic-cirkostanzi, pero', huwa zgur li dak li l-appellant gie akkuzat bih fid-data specifika tat-12 ta' Ottubru 2000 ma giex sufficjentement ippruvat.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell huwa milqugh, is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2001 revokata fl-intier taghha u konsegwentement l-appellant huwa liberat minn kull htija u piena skond il-ligi.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur